MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Numru 533/2005/1

**Mark Causon**

**vs**

**Lou Bondi**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Ottubru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Ottubru tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur fuq indikat sejjah lill-konvenut Lou Bondi quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:
>
> 1. Illi prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut hu responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-

attur, wara li fl-edizzjoni tas-16 ta' Ottubru tas-sena 2005 tal-gurnal lokali 'The Malta Independent on Sunday" ippubblika artikolu taht it-titolu "Licence to Character Kill", (dok A kopja annessa), liema artikolu jikkontjeni allegazzjonijiet li l-konvenut kien jaf, jew li bid-diligenza xierqa seta' jkun jaf, li huma foloz, u li l-artikolu huwa malafamanti, libelluz u jirrapprezenta fatti inveritieri u ghalhekk kien intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi jhallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa, (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Innotat li ghalkemm debitament notifikat bl-avviz promotur il-konvenut Bondi baqa' ma pprezenta l-ebda nota t'osservazzjonijiet u ghazel li ma jkunx prezenti fl-udjenzi rizervati ghal din il-procedura;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Innotat ukoll li l-udjenza tas-27 ta' Gunju tas-sena 2006 kienet rizervata ghat-trattazzjoni finali izda nonostante dan, hadd mill-partijiet jew rapprezentanti taghhom m'ghogbu jipprezenta ruhu biex jespleta dan l-inkarigu;

Innotat minflok li l-attur, minn jeddu u ble ebda awtorizzazzjoni preventiva ghazel li jipprezenta

nota ta’ sottomissjonijiet li din il-qorti qed tiddekreta li ghandha tkun sfilzata stante li ma kinitx debitament awtorizzata;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati fil-mod segwenti:

1. Illi l-attur hassu malafamat b’artikolu miktub mill-konvenut u ppubblikat fil-gazzetta settimanali “The Malta Independent on Sunday” taht it-titolu “Licence to Character Kill”;

2. Illi in sintesi l-attur hassu malafamat bis-segwenti:

a. Illi fi preambolu pjuttost artificjalment imtawwal l-artikolist konvenut ipingi lill-politici, inkluzi u specjalment ta’ l-Alternattiva Demokratika, bhala nies li arrogaw lilhom infushom id-dritt li jigdbu fuq in-nies b’impunita’ u jgib bhala ezempju xi incident fejn dawn allegatament gidbu fuqu billi akkuzawh li xi ghaxar snin u nofs ilu kien involut fid-droga;

b. Illi jiskopri li l-politici ta’ l-imsemmi skjerament politiku huma wara kollox umani wkoll;

c. Illi f’dan l-istadju l-artikolist jiffoka b’mod mhux aktar generali izda b’mod verament dirett fuq l-attur fejn qabel jinfdu bl-allegazzjonijiet tieghu jiddiskrivieh bhala:

i. wiehed mill-aktar ufficcjali anzjani ta’ l-Alternattiva Demokratika u

ii. wiehed li nonostante l-fatt li hu l-kelliemi ghall-ambjent ta’ l-istess skjerament, inqabad jskava sit arkeologiku

fil-gnien tieghu stess minghajr il-permessi mehtiega;

3. Illi ta’ persuna li verament ghandu ghal qalbu l-operat serju tal-kliema politika Maltija, l-artikolist konvenut allura jitlob ghar-rizenja mmedjata ta’ l-attur mill-kamp politiku fejn jimmilita;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur jichad kategorikament li kellu x’jaqsam ma’ l-allegazzjonijiet precedentement diretti lejn l-artikolist konvenut rigward xi involviment li dan ta’ l-ahhar seta’ kellu mad-droga u jsostni li aa f’dak il-perjodu u lanqas wara ma kellu x’jaqsam mal-gazzetta tal-Alternattiva Demokratika;

Illi rigward l-allegat abbuz ambjentali u sfregju arkeologiku l-istess attur isostni li dak allegat mill-artikolist mhux minnu u jista’ jigi pubblikament verifikat mill-facilitajiet elettornici provduti mill-MEPA;

Illi hu pacifiku li fir-residenza li l-attur kien xtara, nnota xi madum imqabbez u kien inkariga bniedem tas-sengha biex jirrimedja s-sitwazzjoni;

Illi meta din il-persuna beda jirripristina l-madum f’postu biex ma jkun ta’ periklu ghall-utenti u ghall-abitanti tal-fond in dizamina, sfrondat l-art u giet skoperta kantina li hadd ma kien jaf biha qabel;

Illi ghal dawn ix-xoghlijiet ma kien hemm bzonn ta’ l-ebda permess mill-ebda awtorita’;

Illi pero’ wara l-iskoperta li saret giet intavolata applikazzjoni edilizja lill-awtorita’ kompetenti skond il-ligi;

Illi nonostante li din l-applikazzjoni giet intavolata f’Dicembru tas-sena 2003 l-ebda decizjoni ghadha

ma ttiehdet  u dan, a skapitu ta’ l-inkolumita’ tal-familja ta’ l-attur u ta’ anzjana li tghix fi proprjeta’ sovvrapposta ghal tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-artikolista konvenut kellu biss l-intenzjoni li jattakka l-karattru ta’ l-attur biex pubblikament ipingieh bhala bniedem ipokrita billi minn naha l-wahda fl-esekuzzjoni ta’ l-impenji politici tieghu hu jsostni l-oghla livelli ta’ agir korrett fl-isfera ambjentali  lokali mentri personalment, hu kien minflok lest li jikser kwalunkwe regolament edilizju u ambjentali biex jilhaq l-iskopijiet privati tieghu;

Illi ghalhekk mhux biss l-artikolu de quo jirrizulta malafamanti u libelluz fil-konfront ta’ l-attur, izda jirrizulta li huwa wkoll interzjonalment malizjuz – livell li l-ligi ta’ l-Istampa lokali ma tkoprix – u dan, b’nuqqas kbir fil-konfront tas-serjeta’ rikjesta u dovuta f’dan il-qasam sensittiv partikolari;

Ghaldaqstant, din il-qorti tqis li l-attur Mark Causon ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement  tiddeciedi li l-konvenut Lou bondi kien tassew malafamanti u libelluz fil-konfront ta’ l-imsemmi attur Mark Causon fl-artikolu tieghu intitolat “Licence to Character Kill” ippubblikat fil-harga tas-16 ta’ Ottubru tas-sena 2005 fil-gazzetta settimanali “The Malta Independent on Sunday”;

Rat l-artikolu 28, tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundanna lill-konvenut Lou Bondi biex ihallas lill-attur Mark Causon l-ammont ta’ tmien mitt Lira Maltin, (LM800.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mit-28 ta’ Ottubru tas-sena 2005.”

Fl-impunjattiva tieghu ta' din is-sentenza, il-konvenut iressaq l-aggravji li gejjin:-

(1) L-ewwel Qorti naqset milli adegwatament tevalwa l-provi ghaliex, skond hu, kieku hekk ghamlet, kien jirrizultalha illi l-attur ma rnexxielux jipprova l-kaz tieghu sal-grad rikjest mil-ligi;

(2) Subordinatament, u f' kull kaz, l-ammont likwidat ma huwiex objettivament gust;

Qabel tghaddi 'l quddiem ghall-istharrig ta' dan l-appell u tat-twegiba ghalih, il-Qorti trid tirregistra d-disapprovazzjoni taghha ghall-uzu fi skritturi processwali ta' kliem u espressjonijiet li hi jidhrilha li huma offensivi u oggezzjonabbli ghax intizi biex ipingu lill-attur bhala persuna li ma tqisx, kif imiss, id-dinjita tal-Qorti. In partikolari, kliem bhal "farsa", "*mes-en-scene*", "loghob bil-kliem" u "sforz biex jizvija lill-Qorti" mitbugha fir-rikors ta' l-appell, ilkoll razenti dak id-disprezz li jippreciza l-Artikolu 994 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan il-fatt gja gie senjalat minn din il-Qorti waqt id-dibattitu orali, ghal liema l-Avukat difensur ta' l-appellant talab skuza;

Maghluq dan l-incident, ma jistax jonqos li jigi, fl-ewwel lok, denotat illi quddiem l-ewwel Qorti l-konvenut appellanti baqa' kontumaci u ma ressaq ebda difizi kontra l-pretensjoni ta' l-attur. S' intendi, dan ma jfisserx li hu ammetta t-talba ghaliex, kif inhu guridikament konkordi, il-kontumacja mhux hlief fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici espressament prevvisti mil-ligi u mill-gurisprudenza. Sostanzjalment, dak li bl-atteggjament negattiv tieghu l-konvenut ikun wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie mharrek bic-citazzjoni. Ara, fost ohrajn, "**Joseph Vella *proprio et nomine* -vs- John Vella**", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993. Effettivament, dak l-istat kontumacjali tieghu ma pprekludihx milli jappella u li jittratta l-aggravji tieghu. (Ara "**Jesmond Meilaq -vs- Brian Mizzi *et***", Appell, 27 ta'

Marzu 1996). Jivvjetah biss milli jressaq xhieda u provi fl-assenza ta' gustifikazzjoni xierqa ghal dak l-atteggjament negattiv tieghu. Sitwazzjoni din li fil-kaz prezenti ma tqumx ghaliex il-konvenut ma talabx li jressaq xhieda, imma biss li jitratta l-appell;

Fit-tieni lok huwa ta' siwi li jigi registrat ukoll illi tali stat kontumacjali ma jintroduci ebda deroga ghall-principju ta' l-oneru tal-provi, kif lanqas ma jassumi tifsira probatorja ghaf-favur ta' l-attur. Dan ghaliex fuqu jibqa' jinkombi l-piz li jiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni jew ta' l-allegazzjoni tieghu. Jikkonsegwi illi l-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba lilu sottoposta hijiex gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Ara "**Giuseppe Wismayer -vs- Giovanni Magro**", Qorti tal-Kummerc, 24 ta' Novembru, 1934;

Hu principju accettat mill-gurisprudenza illi fil-kazijiet konsimili ghal dak in ezami "l-attur ma kellux jaghmel hag' ohra biex isostni d-domanda tieghu hlief li jipprova li l-artikolu huwa ingurjuz". ("**Avukat Dr. Enrico Mizzi -vs- Emmanuele Cossai**", Appell Civili, 21 ta' Marzu 1949;

Issa fil-kaz taht konsiderazzjoni l-attur jindividwa dawn il-punti fejn hassu ingurjat bl-artikolu tal-konvenut:-

(1) L-allaccjament li l-artikolista jaghmel tal-persuna tieghu, *qua* esponenti ta' l-Alternattiva Demokratika, mal-gidba perpetrata illi l-konvenut kien ko-involt fid-droga "*a decade and a half ago*";

(2) L-allegazzjoni li hu gie servut b' "*Enforcement Notice for illegal excavations carried out without permit in an archeologically sensitive area in his own garden*";

(3) L-attribuzzjoni li hu, "*the holier than thou politician continued with the works in his own property without the necessary permits and in defiance of a stop and enforcement notice*";

(4) L-insistenza li hu "*was not only caught red handed breaking the rules but continued to do so after he was caught*";

Fermi dawn il-punti, mill-attijiet tal-kawza, senjatament id-diversi dokumenti esebiti mill-attur innifsu, ghandu jirrizulta illi:-

(1) Inhareg Enforcement Notice fuq il-fond 18/19 Triq San Frangisk, Rabat izda mhux ukoll fuq il-fond 19 Triq l-Isptar, Rabat, proprjeta` ta' l-attur;

(2) L-attur gie servut b' dan l-Enforcement Notice (ara kopja tieghu a fol. 16);

(3) L-attur ghamel xi xoghlijiet fil-fond proprju - ad ezempju, qlugh ta' madum imkisser, pavimentar fil-gnien u tindif ta' giebja - li ghalihom, skond l-istess attur, ma kienx hemm bzonn ta' ebda permess;

(4) L-attur avvanza talba lil MEPA ghal "*sanctioning of excavation works*" (ara dokument a fol. 33), anke jekk, dejjem skond l-attur, hu ma ghamel ebda skavar ghaliex kienet l-art li cediet wahedha fejn giet skoperta kantina;

(5) Skond id-DPA Report (ara kopja esebita a fol. 38 tal-process), "*the Integrated Heritage Management Team noted from a site inspection that illegal excavations had taken place, and that site is a very archeologically sensitive area, with Roman remains*";

(6) Il-Case Number PAO 7378, ghal liema jirreferi l-imsemmi rapport, anke jekk relattiv ghal fond ta' Triq San Frangisk, huwa l-istess ghal dak indikat mill-attur fl-applikazzjoni tieghu ghal "*alterations to dwelling including sanctioning of excavation works*" (fol. 33);

Fuq il-bazi ta' dawn il-fatti l-ewwel Qorti jidher li llimitat ruhha ghall-ilment sottomess lilha in konnessjoni max-

xoghlijiet illegali dwar liema ssofferma l-konvenut fl-artikolu tieghu u qieset li l-artikolu kien malafamanti ghall-unur u r-reputazzjoni ta' l-attur ghax kien ipingih bhala bniedem li, nonostante il-principji pubblici affermati minnu, kien lest, ghall-skopijiet privati, li jikser kwalunkwe regolament edilizju.  Rispettosament, din il-Qorti ma tikkondividix dan il-gudizzju;

Meta mqieghed fil-kwadru generali tal-fatti maghrufa, l-artikolu in kwestjoni jikkontjeni riproduzzjoni ta' estratti mir-rapport tad-DPA fuq imsemmi akkompanjat minn kritika soggettiva tal-kondotta ta' l-attur.  Hi din il-kritika l-mira tal-lanjanza ta' l-attur;

Jinsab profess mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (Numru 370, 15 ta' Jannar 2002)** illi "*il diritto di critica (da distinguersi dal diritto di cronaca che non si concreta in un giudizio soggettivo, ma nella sola narrazione dei fatti), allorche implichi un giudizio di disvalore, idoneo ad incidere sulla raputazione e sul prestigio professionale della persona nei cui confronti la critica è rivolta, è condizionato, quanto alla legittimita` del suo ezercizio, all' osservanza del limite della continenza, il quale viene in considerazione non solo sotto l' aspetto della correttezza formale dell' esposizione, ma anche sotto il profilo sostanziale consistente nel non eccedere i limiti di quanto strettamente necessario per l' appogamento del pubblico interesse e postula che il giudizio di disvalore incidente sull' onere e sulla reputazione sia espresso non in termini assiomatici ma accompagnato da congrua motivazione*";

Applikata din l-enuncjazzjoni ghall-fattispeci tal-kaz in disamina, din il-Qorti hi in grad li taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) L-ewwelnett, ma jirrizultax li l-fatti kif esposti fl-artikolu huma inventati, in kwantu fuq il-bazi tad-dokumenti pubblici esebiti, mhux eskluz li dawn ghandhom fondament fir-realta ta' dik is-sitwazzjoni

konsegwita mill-esekuzzjoni ta' "*unauthorised excavation*" fil-fond ta' l-attur. Mod iehor, mhix spjegabbli l-applikazzjoni ta' l-istess attur ghal "*sanctioning of excavation works*";

(2) Issa hu veru li jista' jigi objettat mill-attur illi l-Enforcement Notice, servuta lilu, ma kienetx tirreferi ghal fond tieghu ghax kienet tindika l-indirizz ta' fond iehor. Imma, imbaghad, l-attur ma jaghrafx jikkuntrasta l-fatt objettiv illi r-rapport tad-DPA, anke jekk bl-indirizz inezatt, kellu l-istess numru ta' riferenza (PA 7378/03) li hu nnifsu indika fil-predetta applikazzjoni ghall-otteniment ta' l-approvazzjoni tax-xoghlijiet li saru fil-fond tieghu;

(3) Hu veru wkoll illi l-attur jobjetta ghall-uzu ta' certi espressjonijiet adoperati u ghat-ton komplessiv ta' l-artikolu. Fuq dan il-punt ghandu qabel xejn jigi rifless illi hu ormaj, gurisprudenzjalment ben saldat illi persuna, bhall-attur, li tokkupa kariga politika jew hi fil-politika hija esposta ghal kritika, anke harxa tal-kondotta taghha. Dan anke ghaliex, kif ritenut, tali persuni "*inevitably and knowingly lay themselves open to close scrutiny of their words and deeds by journalists and the public at large, and they must consequently display a greater degree of tolerance*" ("**Lingus -vs- Austria**", Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, 8 ta' Lulju, 1986; "**Lino Debono -vs- Saviour Balzan**", Appell, 27 ta' April, 2001). Hi konsentita ghalhekk latitudni ampja ghal kritika f' dan il-kuntest, anke jekk l-istampat ikun ikkargat bl-uzu ta' kliem u espressjonijiet, anke skomdi. Ragonevolment, anke kritika bhal din trid tinzamm fil-margini tal-limiti gusti ghax, jekk tinqabez, tobbliga l-awtur ta' l-ingurja ghar-rizarciment tad-danni;

(4) Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, tenut rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' fatt u ta' dawk l-elementi decizivi spigolati mid-dokumenti ta' l-awtorita` pubbliku, il-kritika fil-kaz ta' l-artikolu *de quo* tnisslet legittimament minn dawk l-istess fattijiet oggettivi. Dwarha jkollu jinghad illi, bhala dritt ta' ezercizzju ta' espressjoni libera u ta' tolleranza aktar wiesgha, ma jistax jigi attribwit lilha, fil-kumpless unitarju ta' l-artikolu, sinjifikat li jirrendiha

libelluza. Dejjem fil-hsieb tal-Qorti, l-opinjoni ta’ l-artikolist trasmessa lill-qarrejja ta’ intelligenza normali ma jidherx li tbeghdet fl-esposizzjoni taghha, minn dak ragonevolment akkonsentit fic-cirkustanzi sostanzjali verifikati;

(5) Raggunta din il-konkluzjoni, il-Qorti ssib li l-attur ma rnexxielux jipprova li l-artikolu attakkat ghandu jircievi s-sanzjonijiet prevvisti mill-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248). Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tintrattjeni ruhha mill-aggravju censuranti l-kwantum tal-likwidazzjoni tad-danni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tirrevoka s-sentenza appellata. Fic-cirkostanzi jidher li huwa xieraq illi l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------